Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**

tat-23 ta' Ġunju 1982

li telenka l-kategoriji ta' ►M2 materjali ta' l-għalf ◄ li jistgħu jintużaw għall-iskopijiet ta' l-ittikkettjar ta' għalf kompost għall-annimali domestiċi

(82/475/KEE)

(ĠU L 213 , 21.7.1982, p. 27)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-kummissjoni 91/334/KEE tas-6 ta' Ġunju 1991	L 184	27	10.7.1991
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/67/KE tas-7 ta' Settembru 1998	L 261	10	24.9.1998

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ġunju 1982

li telenka l-kategoriji ta' ►M2 materjali ta' l-għalf ◄ li jistgħu jintużaw għall-iskopijiet ta' l-ittikkettjar ta' għalf kompost għall-annimali domestiċi

(82/475/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id -Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-*marketing* ta' għalf kompost ([1]), kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 80/695/KEE ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 10(b) tagħha,

Billi d-Direttiva hawn fuq imsemmija tistipula li l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu jew jippermettu li l-ingredjenti użati fil-manifattura ta' għalf kompost jiġu ddikjarati; billi, waqt li l-adozzjoni ta' disposizjonijiet Komunitarji tkun għadha pendenti, l-Istati membri jistgħu jippermettu li d-dikjarazzjoni ta' ingredjenti tiġi sostitwita b'dikjarazzjoni ta' kategoriji li jinkludu diversi ingredjenti;

Billi d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' xi Stati Membri jippermettu t-tqassim ta' ingredjenti f'kategoriji differenti; billi għalhekk għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet identiċi dwar l-ittikkettjar sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn Stati Membri;

Billi dawn ir-regoli għandhom japplikaw biss għall-għalf kompost għal annimali domestiċi;

Billi r-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-ittikkettjar ta' għalf kompost iridu primarjament jiżguraw li jkun hemm informazzjoni adegwata għall-utenti tal-prodotti;

Billi kategorija tista' tiġi indikata biss meta l-ingredjent jew ingredjenti użati jkunu koperti mid-definizzjoni tal-kategorija partikolari;

Billi, b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stipulati għad-dikjarazzjoni ta' ingredjenti, il-lista ta' kategoriji għandha tingħata, skond id-dispożizzjonijiet stipulati mill-Istati Membri, jew billi jiġi indikat l-ammont ta' kull kategorija presenti jew f'ordni dixxendenti tal-proporzjon tagħhom skond il-piż fl-għalf kompost;

Billi, madanakollu, mhuwiex possibbli li wieħed jistabbilixxi kategoriji li jkopru l-ingredjenti kollha ta' għalf kompost; billi, għalhekk, il-manifattur irid jindika wkoll kull ingredjenti li ma jaqgħux taħt ebda kategorija elenkata fl-Anness;

Billi l-miżuri preskritti minn din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf tal-Bhejjem,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

▼M1

Artikolu 1

Jekk, skond l-Artikolu 5ċ (3) tad-Direttiva 79/373/KEE, l-indikazzjoni ta' l-isem speċifiku ta' ►M2 l-materjali ta' l-għalf ◄ tista' tiġi mibdula bl-isem tal-kategorija li taħtha jaqa' ►M2 l-materjali ta' l-għalf ◄, il-kategoriji elenkati fl-Anness biss jistgħu jiġu indikati fuq l-ippakkjar, il-kontenitur jew it-tikketta ta' l-għalf kompost għall-annimali domestiċi.

([1]) ĠU L 86, tas-6.4.1979, p. 30.
([2]) ĠU L 188, tat-22.7.1980, p. 23.

▼B

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1985 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

Kategoriji ta' ►M2 materjali ta' l-għalf ◄ li jistgħu jiġu indikati minnflok ►M2 materjali ta' l-għalf ◄ individwali

Deskrizzjoni tal-kategorija	Definizzjoni
1. Laħam u derivattivi mill-annimali	Il-partijiet mlaħħmin kollha ta' annimali ta' l-art ta' demm sħun maqtulin, friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq, u l-prodotti kollha u d-derivattivi tal-karkassa jew ta' parti mill-karkassa ta' annimali ta' l-art ta' demm sħun
2. Ħalib u derivattivi tal-ħalib	Il-prodotti kollha tal-ħalib, friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq, u d-derivattivi mill-ipproċessar tagħhom
3. Bajd u derivattivi tal-bajd	Il-prodotti tal-bajd kollha friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq u d-derivattivi mill-iproċessar tagħhom
4. Żjut u xaħmijiet	Iż-żjut u x-xaħmjiet kollha mill-annimali u mill-ħxejjex
5. Ħmira	Kull tip ta' ħmira, li ċ-ċelloli tagħha jkunu nqatlu u mnixxfa
6. Ħut u derivattivi tal-ħut	Ħut jew partijiet ta' ħut, friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq, u derivattivi mill-iproċessar tagħhom
7. Ċereali	Kull tip ta' ċereal, minkejja il-presentazzjoni tagħhom, jew prodotti magħmula mill-endosperma illamtata.
8. Ħxejjex.	Kull tip ta' ħxejjex u legumi, friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq
9. Derivattivi ta' oriġini veġetali	Derivattivi li jirrisultaw mit-trattament ta' prodotti veġetali, b'mod partikolari ċereali, ħxejjex, legumi u żerriegħa taż-żejt
10. Estratti ta' proteina mill-ħxejjex	Il-prodotti kollha ta' oriġini veġetali li fihom il-proteini ġew ikkonċentrati permezz ta' proċess adwegwat b'mod li jkun fihom ta' mill-inqas 50 % proteina mhux raffinata, meta mqabbla mal-materjal niexef, u li jistgħu jiġu ristrutturati (minsuġa)
11. Minerali	Is-sustanzi inorganiċi kollha addattati għall-għalf tal-bhejjem
12. Diversi varjetajiet ta' zokkor	It-tipi kollha ta' zokkor
13. Frott	It-tipi kollha ta' frott, frisk, jew ippreservat permezz ta' trattament xieraq
14. Ġwież	Il-qalba kollha mill-qxur
15. Żerriegħa	It-tipi kollha ta' żerriegħa kif inhuma jew mitħuna
16. Alga	Alga, friska jew ippriservata permezz ta' trattament xieraq
17. Molluski u krustaċi	t-tipi kollha ta' molluski, krustaċi, ħut tal-qoxra, friski jew ippreservati permezz ta' trattament xieraq, u d-derivattivi ta' l-iproċessar tagħhom
18. Insetti	It-tipi kollha ta' insetti u l-istadji ta' l-iżvilupp tagħhom

▼B

Deskrizzjoni tal-kategorija	Definizzjoni
19. Prodotti ta' l-ifran	Il-prodotti kollha tal-ħobż, kejkijiet, gallettini u għaġin